MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 42/2001/1

Kummissarju ta' l- Art

-vs-

Angolina Zahra, Josephine Vassallo, Michelina Calleja, Connie Nechev, u Godfrey Calleja f' isem l- assenti Miriam Davis u Inez Varlow

Il- Bord,

Ra r- rikors ta' l- Kummisarju ta' l- Art fejn jesponi bir- rispett:

Illi l- intimati gew notifikati b' Avvis ghall- Ftehim datat 28 ta' Awissu, 2001, fejn gew infruamti li l- kumpens li l- awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax- xiri assolut bhala frank u liberu ta' fond Nru. 169, Triq il- Wied, l- Imsida huwa ta' sittax il- elf Lira Maltja (Lm 16,000) kif jidher mir- rapport tal- Perit Carmen V. Sutton A. & C. E.

tal- 25 ta' Gunju, 2001, li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l- istess Avvis ghall- ftehim.

Illi b' ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru, 2001, l- intimati fost affarjiet ohra iddikjaraw li ma jaccettawx il- kumpens offert u jitolbu li dan il- kumpens ghandu jkun ta' dsatax il- elf u sitt mitt Lira Maltija (LM19,600).

Ghaldaqstant l- esponent jitlob bir- rispett li dan il- Bord joghgbu jordna lill- intimati biex jittrasferixxu favur ir- rikorrent b' titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu il- fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin- Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad- Dipartiment ta' l- Art jew lin- Nutar li jkun jagixxi minfloku biex jippublika l- att relattiv f' dik il- gurnata, hin u lok li dan il- Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall- eventwali kontumaci fuq l- att u jaghti l- provedimenti l- ohra kollha mehtiega skond id- disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar l- akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra r- rispost ta' l- intimati Angolina Zahra et fejn jesponu b' rispett:

1. Illi fl- ewwel lok ir- rikorrent irid jesibixxi kopja tad- dikjarazjoni u d- dettalji tal- propjeta'.

2. Illi, fit- tieni lok, kif jirrizulta mill- ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru, 2001, il- kumpens mitlub mill- esponenti huwa aktar gust minn dak offrut mir- rikorrenti, tenut kont ic- cirkostanzi kollha tal- kaz in ezami, inkluz l- entita', l- istat anticedenti u larea fejn qeghda l- propjeta'.

3. Illi fit- tieni lok, l- esponenti ma ghandhomx ibatu l- ebda spejjes.

4. Salv osservazzjonijiet ulterjuri.

Ra li l- intimati gew notifikati bl- atti skond il- ligi.

Sema ix- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Ra li dak mitlub mill- intimati gie prezentat.

Ra d- digriet tieghu tat- 3 ta’ Mejju 2004 li bih gew mahtura periti teknici l- AIC Michelangelo Refalo u l- AIC Godfrey Vella.

Ra r- relazzjoni ta’ l- imsemmija periti li giha gie stabbilit il-kumpens fis- somma ta’ dsatax il- elf u sitt mitt lira Maltija. (Lm19,600)

Jilqa’ it- talbiet tar- rikorrent u jordna lill intimati biex jghaddu favur tieghu b’ titolu ta’ xiri assolut bhala liberu u frank il- fond Nru. 169, Triq il- Wied, l- Imsida kif kien deskritt bil- kumpens ta’ LM19,600, jahtar lin- Nutar Vincent Miceli bhala n- nutar tar- rikorrenti jew lin- Nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippublika l- att fis- 6 ta’ Settembru 2005 fl- 10.00am. fl- ufficju tar- rikorrent; jahtar lid- Dottoressa Daniela Mangion biex tidher fuq l- att ghall-kontumaci; billi l- ammont stabilit mill- periti hu dak mitlub mill- intimati l- ispejjez jithallsu mir- rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------